

32001R0719

11.4.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 100/13

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Numru 719/2001**tal-10 ta' April 2001****li jemenda r-Regolament (KE) Numru 590/2001 li jidderoga minn u jemenda r-Regolament (KE) Numru 562/2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 1254/1999 dwar ix-xiri taċ-ċanga għal ħażna**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċanga u l-vitella⁽¹⁾, u partikularment Artikolu 47(8) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 590/2001⁽²⁾ jdaħħal għadd ta' emendi u derogi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 562/2000⁽³⁾ sabiex jieħu ħsieb sitwazzjoni eċċezzjonali fis-suq li tirriżulta minn ġrajjiet reċenti li għandhom x'jaqsmu mal-BSE.
- (2) Minħabba dik is-sitwazzjoni u biex jirrendu l-miżuri ta' l-intervent aktar effettivi fir-Regolament (KE) Numru 590/2001 deroga għandha tingħata minn Artikolu 4(2)(g) tar-Regolament (KE) Numru 562/2000 dwar iż-żewġ proċeduri ta' l-offerti ta' April billi jippermetu x-xiri ta' l-annimali aktar tqal waqt li jillimitaw il-prezz tax-xiri għall-ħażna għal dak ta' l-Akbar Piż awtorizzat.
- (3) ir-Regolament (KE) Numru 590/2001 għandu għalhekk ikun emendat.
- (4) Minħabba kif żviluppaw l-affarijiet dan ir-Regolament għandu jibda jseħħ immedjatament.

- (5) Il-miżuri ntiżi f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Komitat Permanenti dwar iċ-Ċanga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Numru 590/2001 huwa mibdul b'dan li ġej:

“3. Minkejja Artikolu 4(2)(g) tar-Regolament (KE) Numru 562/2000, għat-tieni tlett xhur tal-2001 il-piż massimu tal-karkassi riferiti hemmhekk għandu jkun:

- 430 kg għal l-ewwel żewġ proċeduri ta' l-offerti; b'dankollu, karkassi li jiżnu aktar minn 430 kg jistgħu jinxtraw għal-intervent imma f'dak il-każ il-prezz tax-xiri għall-ħażna ma għandux jeċċedi l-prezz ta' dak tal-piż massimu,
- 410 kg għat-tielet u r-raba' proċeduri ta' l-offerti,
- 390 kg għal l-aħħar żewġ proċeduri ta' l-offerti.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' April 2001.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 21.⁽²⁾ ĠU L 86, tas-27.3.2001, p. 30.⁽³⁾ ĠU L 68, tas-16.3.2000, p. 22.